# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba’ Leġislatura

**Laqgħa numru 23**

**27 ta’ Marzu 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa’ fis-Sala tal-Komunita’ li tinsab fi Triq Ta’ Mulejja fil-5.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 23.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.

Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

Ġew ppreżentati l-minuti numru 16 sa numru 22 għall-approvazzjoni tal-Kunsill wara li kienu saru l-emendi approvati fil-minuti numru 16 u numru 18, fil-laqgħa preċedenti. Il-minuti numru 19 kienu dwar il-laqgħa ta' Frar u numru 21 u 22 kienu l-laqgħat b'urġenza.

## 23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

23.3.1 Inxtara d-dawl taż-*zebra crossing* li se jsir fi Triq il-Kappillan Hili. Għandu jiġi l-perit sabiex jiltaqa' mal-bajjad fuq il-post biex jurih kif trid titbaxxa l-bankina.

23.3.2 Beda t-tqegħid tal-Goccia *paving blocks* tal-aħħar erbgħin metru fi Triq John Gaspard le Merchant, kif ukoll se ssir il-katusa fit-tarf tat-triq.

23.3.3 Ħarġet is-sejħa għall-offerti tal-fanali li se jsiru fit-toroq John Gaspard le Merchant u Triq il-Kardinal Alessandro Franchi.

23.3.4 Tħawwlu wkoll ix-xitel tal-petunja fl-erbgħin qasrija li hemm fit-toroq John Gaspard le Merchant u Kardinal Alessandro Franchi. Tħawwlet ukoll is-siġra taż-żnuber li konna ingħatajna fl-okkażjoni tal-*Pink October*. Din tħawwlet fil-*playing field.*

23.3.5 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien talab informazzjoni mill-Kunsill dwar in-numru ta' ħaddiema li jkollna bżonn sabiex tinżamm il-Latrina Pubblika u sabiex isir il-knis fil- lokalita'. Is-Segretarja spjegat li din kienet biss talba għall-informazzjoni.

23.3.6 Fil-Belveder ta' Triq Ta Mulejja s-Sindku ippropona li jsiru żewġt iqsari kbar sabiex jitħawwlu xtieli li jsebbħu l-madwar, minflok iż-żewġ palmiet li nqatgħu peress li kienu infettati bir-'Red Palm Weavel'.

23.3.7 Is-Sindku nforma li l-Kunsill applika sabiex inkunu nistgħu ningħataw vettura tal-elettriku. Is-Segretarja spjegat li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali permezz tal-Uffiċċju responsabbli mill-Affarijiet Ewropej u Internazzjonali qed jaħdmu fuq proġett li permezz tiegħu jistgħu jinxtraw jew jinkrew vetturi elettriċi jew *hybrid*. Għalhekk il-Kunsilli ġew mitluba jiprovdu l-informazzjoni neċessarja bħal x'tip ta' vettura l-Kunsill kif ukoll ġustifikazzjoni għal din it-talba. Magħha ġejna mitluba wkoll nindikaw post għar-*recharging station* kif ukoll *parking bay*. Dan ser isiru fl-uffiċċji tal-Kunsill.

23.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri li ġie avviċinat mis-Sagristan is-Sur John Theuma sabiex iressaq it-talba lill-Kunsill għall-*feature* tal-festa. Il-membri qablu li dan għandu jerġa jieħu ħsiebu l-Kunsill. Is-Sindku semma li jkun tajjeb li jkun hemm ċarezza fir-raġunijiet għal xiex qed isiru r-riklami fil-*feature* għaliex tista' tinftiehem ħażin, kif kien sar qbil fil-kunsill wara l-festa tas-sena l-oħra. Dan għal raġuni li l-Kunsill ma hu qed jieħu xejn minn dawn ir-riklami. Il-Kunsilliera Micallef u Mercieca żidu jgħidu li min jagħmel riklam għandu jgħid ukoll għali xiex qed joffri dawn ir-riklami. Is-Sindku żid jgħid ukoll li jkun tajjeb li fil-*feature* nsemmu wkoll li l-Kunsill għoxrin sena ilu kien għamel il-monument tas-Sajjieda, peress li din is-sena qed jitfakkar l-125 sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja li s-sajjieda kienu ħadmu ħafna biex tinħadem.

23.3.9 Is-Sindku ppropona ħarġa għall-Festa l-Kbira li se ssir fis-7 ta' April organizzata mill-Valletta 18 u oħra li tista ssir fis-6 ta' Mejju, li jkun il-Ħadd għall-Wirja Agrarja f'Ħad-Dingli u postijiet oħra.

23.3.10 Hemm fanal fi Trejqet ir-Razzett li għadu ma ngħatax dawl. Għalhekk għandna nagħmlu kuntatt mal-Enemalta sabiex din tingħata d-dawl, minflok il-bozza moderna li hemm.

23.3.11 Saret it-trinka bit-tarmak ta' Triq Mons Buttiġieġ fejn it-Triq kienet tqattat bl-addoċċ biex sar xogħol ta' dranaġġ għal residenza privata, kif ukoll wara li s-Segretarja wissiet lill-Kuntrattur li ser toħroġlu *default notice* tranġat ukoll Trejqet Dun Ġużepp Grima.

23.3.12 Hemm bżonn li jitħawwlu ix-xtieli fil-qsari ta' taħt ir-*railing*.

23.3.13 Is-Sindku semma li flimkien mal-Inġinier Galea Curmi dar it-toroq l-oħra sabiex l-Inġinier ikun jista' jipprepara rapport dwar kemm fanali hemm bżonn.

**23.4 Ittra mingħand il-Kappillan dwar l-attivita' sportiva 'Festa Tfal'.**

23.4.1 Is-Sindku fakkar li l-Kunsill jista' biss iħallas għal riċeviment wieħed u dan jinżamm f'Jum il-Fontana. Il-membri qablu li din l-attivita' għandu jieħu ħsiebha

l-Kunsill u kemm il-darba jkun se jsir riċeviment mill-Paroċċa, din l-attivita' ssir b'kollaborazzjoni mal-knisja. Fin-nuqqas ta' dan, din l-attivita' tittella' kollha kemm hi mill-Kunsill. Il-Kunsillier Mario Mercieca żid jgħid li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb hu tal-attivitajiet tat-tfal kollha li se jittellaw għal din l-okkażżjoni. Il-Kunsill qabel li ssir din l-attivita'.

**23.5 Rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni dwar l-Offerta *Supply and Laying of Porfido Paving at Fontana.***

Is-Segretarja ppreżentat r-rapport ta' evalwazzjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm tlett offerti mitfugħha:

Offerta numru 1 - €21,968
Offerta numru 2 - €27,385
Offerta numru 3 - €53,015

Is-Segretarja spjegat li l-bord ta'evalwazzjoni, ltaqa darbtejn u wara li ġew ppreżentati ċ-ċertifikati u s-*samples* mitluba, l-bord irrakkomanda li l-offerta tingħata lill-George J Zahra minħabba li hija *the cheapest compliant offer*. Dawn is-*samples* ġew ippreżentati wkoll lill-membri tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel u approva unanimament dan ir-rapport.

Permess ta' din l-offerta, il-Kunsill se jkun qed jixtri l-materjal mhux biss għall-parti li se titwaħħal issa imma wkoll se jkun qed jixtri l-ammont kollhu inkluż l-ammont għall-parti li jrid jitwaħħal aktar il-quddiem meta jitkompla l-bini tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Dan sabiex il-porfido jkun kollu tal-istess kulur. Is-Sindku semma li tajjeb li nivverifikaw il-kulur tal-kubetti minħabba li d-disinn ippreżentat mill-Perit kien jidher li fih żewġ kuluri differenti, dak tal-kubetti u dak tal-*flags*. Is-Segretarja uriet il-pjanta oriġinali tal-Perit fejn jidher li l-kubetti huma ta' kulur aktar skur. Il-membri ddiskutew ukoll l-importanza li dan ix-xogħol jkun lest sal-aħħar ta' Mejju jew inkella jsir wara l-festa. Ġie deċiż li għandha ssir l-laqgħa mal-Kuntrattur flimkien mal-Perit u mall-membri tal-Kunsill sabiex jitfassal il-pjan għal dan ix-xogħol, u ser issir enfasi kbira li jrid jitwettaq xogħol mill-aħjar li jista jsir.

**23.6 Riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ma tistax tkompli tokkupa din il-kariga ġaladarba din il-pożizzjoni se tibqa fuq bażi part-time. Kompliet tispjega li għalkemm hemm min ma jaqbilx, hi tħoss li x-xogħol ta' Segretarju Eżekuttiv ma huwiex wieħed li għandu jkun part-time. Minkejja li l-popolazzjoni tal-Lokalita' hija waħda zgħira, x-xogħol mistenni mis-Segretarju Eżekuttiv huwa l-istess daqs ta' lokalitajiet kbar, u mhux inqas. Żiedet ukoll li hi ma tiġix skużata minn xi

xogħol għaliex hi *part-timer*, u l-istess responsabilta' trid tintrefa minnha, ugwalment daqs *full-timer*.

Is-Sindku staqsa dwar il-ħlas ta' bolla mill-Kunsill *National Insurance* kif ukoll dwar kif Segretarju *part-time* ikollu l-*leave* meta hija xorta għadha mpjegata *full-time* mall-Gvern. Is-Segretarja wieġbet li l-Kunsill qatt ma ħallas bolla tas-Segretarja u kull ħaddiem li jaħdem fuq bażi part-time huwa ntitolat għal-*leave* pro-rata, kif filfatt tieħu. Is-Segretarja żiedet tgħid li anka *statutory bonuses* intitolata pro-rata u wieħed jista jsib kopja ta' korrispondenza li kienet għamlet mad-*Department of Industrial and Employement Relations*. Kopja ta' din l-emejl kif ukoll kopja tal-approvazzjoni tal-*leave* mid-Direttur Kunsilli Lokali qed jiġu mehmuża ma dawn il-Minuti, mmarkati bħala Dokument A u Dokument B. Is-Sindku żid jgħid li dak li huwa dritt wieħed għandu jieħdu u ħadd ma għandu dritt jew irid iċaħħad lil ħadd minn xejn.

Is-Segretarja żiedet tgħid li minħabba li hija ingaġġata fuq bażi part-time, ma hiex obbligata li taħdem in-*notice*, u tista tittermina l-impieg tagħha minnufih, pero' ma għandha l-ebda ntenzjoni li tagħmel dan u ser tipprova tgħin sabiex il-Kunsill jibqa għaddej mingħajr diffikultajiet. Hija stqarret li kienet kuntenta taħdem f'dan il-Kunsill u ħadet din id-deċizjoni minħabba li l-kwistjoni ta' ngaġġ huwa fuq bażi Part time u għalhekk biss.

Is-Sindku staqsa jekk l-*interview* preċedenti għadux validu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dak kien validu biss għal sena. Is-Sindku qal li għandna ninfurmaw lid-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex jerġa' jibda l-proċess u tinħareġ is-sejħa għal-Segretarju Eżekuttiv fuq bażi part-time. Żid jgħid li jaf li hemm min ma jaqbilx. Il-Kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca ma qablux li għandha toħroġ fuq bażi part-time iżda jaqblu li għandha tkun fuq bażi full time. Il-Viċi Sindku Victor Cefai u l-Kunsillier Carmel Farrugia qablu li tinħareġ fuq bażi part-time. Għalhekk, is-Segretarja se tinforma lid-Direttur sabiex jibda l-proċess għal din is-sejħa. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li se tibqa' f'din il-kariga sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju 2018.

Is-Sindku żid jgħid li għandna niktbu lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar il-bżonn ta' ħaddiem minħabba l-fatt li bħalissa ninsabu mingħajr ebda ħaddiem peress li dak li għandna kellu bżonn jieħu s-*Sick Leave*. Il-membri qablu wkoll li għandna niktbu wkoll lill-Ministru Għal Għawdex sabiex forsi tipprovdilna l-għajnuna permess tal-ħaddiema tal-*Public Cleansing*.

**23.7 Kwotazzjonijiet għal xiri ta' 'Airconditioner Unit' għal uffiċċju Amministrattiv**

Is-Segretarja ppreżentat tlett kwotazzjonijiet għal xiri ta' *Airconditioner* għall-Uffiċċju Amministrattiv. Il-membri qablu li għandna nieħdu l-parir tal-Inġinier Galea Curmi sabiex jigwidana dwar l-aħjar għażla skont l-ispeċifikazzjonijiet ippreżentati. Wara mmexxu fuq il-parir tiegħu sabiex jinxtara l-*Airconditioner unit.* Il-Kunsillier Mario Mercieca semma li jkun tajjeb li mmexxu l-pipe tad-drain minn ġewwa l-uffiċċju.

**23.8 Sejħa għall-Offerti għal xogħol ta' *Resurfacing* f'parti minn Triq il-Għajn**

Is-Segretarja għamlet referenza għall-korrispondenza li hija rċeviet mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, propju mingħand l-Assistant Direttur Svetlana Rose Curmi. Il-Kunsill qed jiġi mgħarraf li x-xogħol propost f'din is-sejħa huwa bi ksur għal provedimenti ta' Artiklu 33 (2) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali u għalhekk l-Kunsill għandu jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu minnufih u b'dan ġie nfurmat id-Direttur tal-Gvern Lokali.

Is-Sindku semma li xi sentejn ilu, meta kienet kitbet l-eks Segretarja, l-Assistant Direttur Silvio Frendo kien bagħat lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, s-Sur Ivan Attard, li nistgħu nagħmluha. Għalhekk is-Sindku qal li għandna nweġbuhom u ninfurmawhom b'dan. Is-Sindku qal li se jsib l-emejl ta' Silvio Frendo u dak li kien intqal fil-Minuti. Is-Segretarja tablet li l-aħjar li twieġeb lid-Dipartiment wara li jkun instabet din il-korrispondenza. Is-Sindku żid jgħid wkoll li għandna ninfurmaw lill-Ministru Għal Għawdex ukoll dwar dan. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li diġa bgħattilha l-BOQ's kif ukoll it-talba tal-kunsill sabiex tagħmel il-parti l-isfel mill-knisja. Il-Ministru wieġbet lura minnufiħ fejn ġejna nfurmati li se jiżdiedu fil-lista ma tas-sena 2019.

**23.9 Sejħa u ħruġ ta' Offerti**

Is-Sindku semma li qed ikellem lill-Perit Saliba sabiex ilesti l-ispeċifikazzjonijiet għal xogħol ta' bini tal-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq ix-Xlendi. Is-Segretarja nfurmat ukoll lill-membri li llum ħarġet is-sejħa għall-offerti għad-dwal tal-fanali. Għalhekk il-membri qablu li l-bord għandu jkun maħtur mill-Avukat Dr. Grech, l-Accountant Daniel Galea u l-Inġinier Jeffrey Muscat bħala *evaluators,* filwaqt li William Sultana bħala *chairperson*. Il-Kunsillier Mercieca semma wkoll Inġinier ieħor f'kas li Jeffrey ma jkunx jista'. Il-membri qablu.

Is-Sindku semma wkoll li jekk hemm qbil noħorġu s-sejħa għax-xiri tad-dawl tal-Milied. Il-Kunsillier Micallef qal li kieku nikru u mhux nixtru jkun aħjar għax hekk se jkunu dejjem l-istess u anka jekk jinħaraq wieħed trid tibdel it-triq kollha. Il-Kunsillier Mercieca qabel ma Micallef għaliex qal li bix-xiri se nonfqu flus ħafna aktar milli qegħdin nonfqu u li kieku jinkrew ikun aħjar milli jinxtraw. Il-Kunsillier Micallef kompla jgħid li nistgħu nitolbu li jagħmlulna dak l-istess

disinn pero għall-kiri u mhux xiri. Il-Viċi Sindku Victor Ċefai u l-Kunsillier Carmel Farruġia qablu li noħorġuha għax-xiri, kif kien diġa sar qbil fil-Kunsill meta ħarġet s-sejħa għall-kwotazzjonijiet, għal dan ix-xogħol is-sena li għaddiet.

Trid toħroġ ukoll is-sejħa għall-offerta tar-*Refuse Collection*. Id-Dipartiment kienu ġibdu l-attenzjoni li għandna noħorġuha għal erbgħa snin. Is-Sindku semma li peress li hemm possibilta' skont il-Ministru tal-Ambjent li r-*Refuse Collection* jgħaddi għand ir-Reġjun, din tkun ta' anqas żmien. Il-Kunsill qabel li toħroġ għal sentejn.

**23.10 Items ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li huma meħtieġa**

23.10.1 Intbagħtu l-BOQ's lill-Ministru Għal Għawdex. Qed nirreferu għal-Triq il-Għajn, bejn Pjazza Sant Wistin u Triq il-Kappillan G. Ħili, kif ukoll saret it-talba sabiex issir Trejqet ta' wara d-Djar u bejn Triq il-Kappillan G. Ħili u l-knisja parrokjali.

23.10.2 Irreġistrajna fuq is-site ġdida ta' *works request* li ġiet mnegħda mill-MGOZ u saru t-talbiet għall-bankina mkissra u oħra ġdida fi Triq l-Isptar San Ġiljan.

23.10.3 Tkellemt mal-Inġinier Galea Curmi dwar il-Pannelli (PVC's) wara li bgħattlu kopja tal-Kuntratt u nfurmana li hemm 10 snin *manufactures warranty*. Is-Sindku ssuġġerixxa u l-membri qablu li ngħidu lill-Inġinier Galea Curmi sabiex jiġi jiċċekja kemm hemm eżatt imkissrin u jigwidana x'inhu l-aħjar li jsir.

23.10.4 Il-lezzjonijiet tal-kompjuter twaqqfu. Dan għaliex il-*lecturer* kien qiegħed jiġi tard regolarment u għalhekk in-nies kienu qegħdin igergru. Ġaladarba ma setax jkun konsistenti fil-ħinijiet dan il-kors ma setax jitkompla. Il-kors tal-Pilates se jkompli sal-aħħar ta' Mejju.

23.10.5 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-Wasteserv baqgħalhom kontijiet pendenti sa minn Awwissu 2017, kif ukoll għadhom ma ħallsux l-ammont dovut lilna bħala *award* għall-ġbir Organiku ta' €2000.

23.10.6 Kien hemm seduta tal-qorti fit-22 ta' Marzu dwar il-każ tal-Computers tal-Kunsill u ġiet diferita għas-sentenza f'Ġunju.

23.10.7 Irċevejna mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex nindikaw xi bżonn ta' vettura għandna u nagħtu ġustifikazzjoni għat-talba tagħna, kif ukoll nidentifikaw post għal *recharging station* u *parking bay*.

23.10.8 Ktibt lid-Direttur Eko Għawdex fejn tlabt spjegazzjoni dwar ir-raġuni li ngħatajna fl-ittra li rċevejna dwar l-iskema ta' Restawr. Ir-raġuni li ngħatajna kienet li t-talba ma hiex ser tiġi milqugħa peress li huwa xogħol fi knisja parrokjali. Il-linji

gwida kienu jgħidu li stajna napplikaw għal xogħol ta' restawr li jinsabu fil-knejjes basta nkunu ġibna l-permess tal-Awtoritajiet Ekleżjastiċi, kif filfatt għamilna. S'issa għadna mingħajr tweġiba. Il-Kunsillier Micallef qal li għandna nerġgħu nibgħatulha tfakkira sabiex ningħataw risposta. Is-Sindku ssuġġerixxa li jekk hemm qbil, dan ix-xogħol ta' restawr fuq dawn l-istatwi storiċi ta' San Pietru u San Pawl isiru mill-Kunsill. Il-membri qablu unanimament. Għalhekk il-Kunsill se jkellem lill-Perit Scerri dwar il-permessi meħtieġa sabiex jkun jista' jsir dan ix-xogħol.

23.10.9 Irċevejna mill-*Gozo Business Chamber* dwar Seminar 'Doing business with Japan' li se jsir fis-27 ta' Marzu fit-15.00.

23.10.10 Se ssir laqgħa fis-sala tal-Ministeru dwar 'Proġett magna żmien'.

23.10.11 Ittra mil-*Local Councils' Association* dwar is-Sotto-Kumitat li ltaqa' sabiex iddiskuta l-ħaddiema fuq Skemi mal-Kunsilli Lokali.

23.10.12 Tranġat it-*tunnel* tat-tfal li hemm ġol-*playing field* billi saru strixxi ta' njam ġodda kif ukoll saret bieba fil-parti mwaqqa li tmiss mas-sala tal-Komunita'.

23.10.13 Se jiġi ffirmat il-Kuntratt tal-Accountant li se jidħol fis-seħħ, nhar l-1 ta' Mejju 2018.

23.10.14 Irċevejna tfakkira mill-Ministeru Għal Għawdex sabiex il-materjal għax-xogħol mitlub ikun provdut mill-Kunsilli. Il-Ministeru jipprovdu biss il-*Manpower*. Is-Sindku semma li għandna nressqu t-talba sabiex jinżebgħu s-sinjali tat-toroq kollha tal-lokalita'.

23.10.15 Ġiet ppreżentata l-kwotazzjoni ta' *Street Maps* pero l-membri qablu li għandna nġibu kwotazzjonijiet oħra.

23.10.16 Ġew ppreżentati numru ta' PA notices peress li dawn ma ġewx ppreżentati fil-laqgħa preċedenti: PA/07879/17, PA/09540/17, PA/02276/18, PA/07815/17, PA/06736/16, PA/08290/17.

23.10.17 Ġejna mitluba mid-DLG sabiex ngħaddu nformazzjoni dwar l-impatt ta' xi differenzi li setgħu rriżultaw fis-servizzi tal-iskart riċiklat. Il-Kunsill bagħat l-ispiża li jkollna bżonn sabiex nkomplu noffru l-boroż il-griżi b'xejn lir-residenti.

23.10.18 Irċevejna mill-Intervention Team tal-Ministeru Għal Għawdex dwar l-istat ħażin li tinsab fiha Triq ta' Wara d-Djar. Is-Sindku rrimarka li din hija triq li taqa' taħt it-responsabilta' tal-gvern ċentrali peress li għadha bla wiċċ u għalhekk għandna nweġbuhom dwarha. Il-Kunsill diġa talab madwar xahar ilu sabiex din issir.

23.10.19 Ċirkulari AKL2018/023 – *Join the International Urban Cooperation (IUC) city-to-city cooperation programme.*

23.10.20 Irċevejna tfakkira mingħand il-MEUSAC dwar is-sejħa għal proposti taħt sottomiżura 4.4 – Investimenti mhux produttivi marbuta mal-ilħuq tal-objettivi agroambjentali u klimatiċi.

23.10.21 Ħinijiet ta' Ftuħ tal-Uffiċċju Amministrattiv – Is-Segretarja semmiet li l-ħinijiet preżenti tal-ftuħ, jiġifieri fis-7.15a.m. huwa wisq kmieni u huma vera ftit li xejn dawk in-nies li jżuru l-uffiċċju f'dawn il-ħinijiet. Għalhekk il-membri qablu li jinbidel il-ħin tal-ftuħ tal-Uffiċċju jiġifieri mis-7.15a.m. għat-8.00a.m. Is-Sindku semma li l-ħin li nkunu qegħdin innaqqsu jagħmel tajjeb għal ħin li jrid jaħdem l-iskrivan is-Sibtijiet, kif filfatt kien il-ftehim oriġinarjament. Il-Kunsillier Micallef żid jgħid li hekk kien il-ftehim fl-interview, jiġifieri li dawk is-siegħat li jitnaqsu matul il-ġimgħa jpattu għas-Sibtijiet. Għalhekk il-membri qablu li għandhom jinbidlu l-ħinijiet tal-ftuħ tal-Uffiċċju Amministrattiv. Is-Segretarja se tieħu ħsieb li tinforma lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar dan it-tibdil.

23.10.22 Is-Segretarja semmiet dwar il-mod ta' kif jinħarġu l-*parking permits* inline mal-Legal Notice 363.80. Ma huwiex ġust li jinħarġu permessi lil nies li ma humiex mill-Fontana. Is-Sindku qal li diversi drabi gibed l-attenzjoni dwar dan, iżda xorta waħda għadu jara vetturi ta' nies mhux residenti tal-Fontana bil-permess tal-Kunsill biex jkunu jistgħu jipparkjaw speċjalment fi Triq Kappillan Ġ Ħili b'dannu għar-residenti. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-permessi permanenti ser jinħarġu biss għan-nies li għandhom l-ID card fuq indirizz fil-Fontana u din trid tiġi ppreżentata sabiex jinħareġ l-istess permess. Permess temporanju ser jinħarġu lin-nies li jiġu sabiex iwettqu xi xogħol jew sabiex jagħtu servizz lir-residenti tal-Fontana. Pero', temporanju għandu ismu miegħu, jiġifieri għandu bidu u għandu tmiem u għalhekk dan ma jistax jibqa jiġġedded. Kull permess irid jiġi nnotat fir-reġistru li jinsab ġewwa l-uffiċċju sabiex il-Kunsill ikun jista jagħmel referenza għal kull permess li nħareġ f'kas li dan ikun il-bżonn. Din l-istruzzjoni se tingħata wkoll lill-iskrivan sabiex jimxi strettament magħha.

23.10.23 Is-Segretarja nfurmat lill-membri dwar krejn mingħajr permess li jinsab fi Triq John Gaspard le Merchant. Is-Segretarja nfurmat sew lill-Wardens kif ukoll lill-Pulizija dwar dan. Waqt il-laqgħa irċevejna telefonata mingħand is-sid tal-propjeta' u s-Segretarja nfurmatha li dan il-Crane irid jitneħħa minnufih u l-Perit tagħhom għandu japplika għal permessi meħtieġa mal-Awtoritajiet kompetenti kif ukoll dak tal-Kunsill Lokali.

23.10.24 Is-Segretarja semmiet li kienet irċeviet telefonata mill-Għassa tal-Pulizijia dwar ħofra fonda ta' madwar sular u li hija ta' periklu għan-nies li jistgħu jkunu jimxu

fi Triq Kappillan Ħili. Għalhekk, is-Segretarja marret fuq il-post u sabet raġel ta' kulur ismar iqatta' b'*jigger* taħt l-art. X'ħin ġie avviċinat wieġeb li din il-propjeta hija ta' George Sacco. Is-Segretarja ħadet il-passi neċessarji u kitbet minnufih lill-Planning Authority f'Malta kif ukoll lill Planning Authority f'Għawdex, Gordon Grech.

23.10.25 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ma kinitx laħqet bagħtet t-talba lill-Ministru sabiex ningħataw l-għajnuna għall-knis tat-toroq minħabba li l-uniku ħaddiem kien jinsab indispost.

Mill-Kunsillier Mario Mercieca

Il-Kunsillier semma li mhux jinġabar iż-żibel fi Triq John Gaspard le Merchant għaliex ir-residenti qegħdin iwassluh sat-tarf tat-triq. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li diġa kellmet lill-Kuntrattur u dan suppost se jibda jinġabar minn wara l-bibien minn għada. Il-Kunsillier Mercieca żid jgħid li hemm bżonn ukoll li tinkines it-triq.

Mill-Kunsillier Horace Micallef

Il-Kunsillier semma li hemm ħafna ħaxix fil-ġnub fi Trejqet ix-Xagħri li għandu bżonn jinqata'. Is-Sindku semma li n-nuqqas ta' ħaddiema qegħda twassal għal din is-sitwazzjoni għaliex ħaddiem wieħed ma jistax ilaħħaq ma kollox. Huwa qal li qiegħda fi ħsiebu għax jaf biha u malli jkun hemm cans dan jinqata.

Il-Kunsillier Micallef ressaq ukoll it-talba għal sinjali sofor l-fuq mill-garaxx ta' propjeta fi Triq l-Isptar San Ġiljan.

**23.11 Ilmenti**

L-ilmenti ma ġewx ppreżentati.

**23.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**23.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7.30p.m u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 26 ta' April 2018 fil-5.00p.m b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Saviour Borg**
**Sindku**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**